jiġi mgħarraf dejjem dak li jrid il-Gvern. Hawn, l-Isbirr jibda jdoqq it-Trumbetta, biex isejjaħ in-nies. Malli dawn jinġabru f'għadd mhux ħażin, l-Attwarju Kriminali (bħal Reġistratur tal-Qorti tal-lum) jibda jaqra l-Bandu li ħareġ. Wara, minn banda jmorru f'oħra, fejn isir l-istess, sakemm idduruhom kollha.

Mill-Imdina, ir-Rabat u fl-irħula l-oħra, flok bit-Trumbetta, kienu jġibru n-nies bid-daqq tat-Tanbur.

Issa, wara li tajna tagħrif dwar x'kienet taqdi t-Trumbetta tal-Pulizija, ngħaddu biex immorru naraw fejn kienu jordmu l-imgħallqin.

Naħsbu li ħafna ntebħu li kull meta semmejna lil dawn l-imsejkna, dejjem inqdejna bil-kelma "jordmu" flok "jidfnu". Imxejna hekk, għax deħrilna li kif kienu dari jagħmlu magħhom, aktar tixraq u toqgħod l-ewwel waħda, milli l-oħra.

Bħalma konna għedna, wara jum imdendlin mal-Forka, inizzluhom għall-ħabta ta' l-erbgħa. Imbagħad, minn hemm, jiġbdu u jibqgħu sejrin bihom lejn Triq Tmienja ta' Settembru. Malli jaslu fejn iċ-Ċimiterju ta' l-Ingliżi, li għadhom kemm radmu, jitilgħu dik ix-xagħra ta' biswitu (il-lum magħluqa b'ħajt), u jniżżlu dawn il-mejtin, li jkunu magħluqa fl-ixkora flimkien mal-ħbula u t-tavletta li tgħallqu bihom, f'ħofra kbira li ssir għalhekk, waqt li fuqhom jitfgħu t-trab sakemm jgħattuhom. Meta din timtela bil-mejtin, jagħmlu oħra ma' ġenbha. Biss, qabel ma tithaffer, jintalab il-permess lill-Gvern mill-Fratellanza tar-Rożarjanti.

Fuq l-għolja li semmejna dari kienu jgħallqu wkoll. Dinnaħa jgħidulha l-"Forka tat-Triponti". Kif insibu fil-"Malta Illustrata" ta' Abela u Ciantar, ħadet dan l-isem — Triponti — minħabba dawk it-tliet ħarġiet fil-baħar li sfaw magħmula bil-ġebel li ntefa' hemm, huma u qed jibnu l-Belt Valletta.

Madankollu, jidher ukoll li kienu jgħallqu hemm, billi l-baħar bin-naħa ta' qribha, għadu msejjaħ sal-lum: "Taħt il-Forka".

L-aħħar li radmu, fl-għolja li semmejna, lil Wenzu Attard u Mikiel Curmi, li tneħħew fit-22 ta' Frar 1826. Imbagħad, lill-imgħallqin bdew jidfnuhom fiċ-Ċimiterju tal-Blata l-Bajda. L-ewwel ma messhom difna sewwa u suret l-insara, kienu Xmun Grech u Indrì Farrugia, li tneħħew fit-3 ta' Jannar, 1829. Wara, mill-1862, bdew jidfnuhom fiċ-Ċimiterju ta' Ħal Tarxien. Iżda,



mill-1876, ħadu d-drawwa li jidfnuhom fiċ-Ċimiterju tal-Ħabs ta' Kordin stess.

Minn dan li għedna naraw, kemm jitbiddlu d-drawwiet ma' tul il-milja taż-żmenijiet. Għax, jekk fl-imgħoddi lil dawn l-imsejkna kienu jorbtuhom fi xkora u jordmuhom f'xagħra, bħall-annimali, fejn anqas biss ma jagħmlu l-iċken sinjal biex juri li hemm, taħt dak it-trab u l-ġebel, jinsabu nies li huma nsara bħalna, il-lum, barra milli jitqiegħdu f'tebut, fejn jindifnu hu mżmum b'kura u b'karità nisranija mill-akbar. Mhux biss, terġa' dan l-aħħar, bi ħsieb mill-aktar ħanin, sa isimhom ġie mnaqqax fuq qabarhom, biex meta wieħed imur iżurhom, jista' jitlob fuq min irid hu. Għalhekk sewwa jgħid il-qawl: "Id-dinja titbiddel u magħha jitbiddlu n-nies ukoll".

---

## ARTI U ĦAJJA

*Ta'* MARĊELL MIZZI

Meta narak li trid issir poeta
ma nafx nagħdrekx għall-bluh tal-għażla tiegħek
jew nitlob 'l Alla jieqaf dejjem miegħek
biex ma tiskirx u taħseb l'int profeta.

Meta b'għajnejk fil-bogħod taħrab il-folla
u titgħaxxaq u tedha bis-sbuħija,
tintilifx fik innifsek bil-kburija
u ftakar l'inti bniedem bħalna kollha.

Meta tara x-xemx tiddi wara d-dalma
u wara n-nxief tas-sajf tilmaħ ftit ħdura,
jew tisma' r-riħ ivenven wara l-kalma,
nixtieqek ma tinfexx tgħanni n-Natura.

Nixtieqek ħajtek tgħixha flok taħsibha
u l-kelma tgħidha f'waqtha 'l min jismagħha:
tħoss l-imħabba biex tħobb mhux biex tiktibha
u flok tixtieq bla jies tiġġieled b'saħħa.